ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 206

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

2 ta' Awwissu 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2012/453/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim ŻEE** ........ 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 705/2012 tal-1 ta' Awwissu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan** ..... 5

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 706/2012 tal-1 ta' Awwissu 2012 li jemenda għall-175 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida** 7

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 707/2012 tal-1 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 9

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/454/PESK tal-1 ta' Awwissu 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan** ........ 11

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA Nru 98/10/COL tal-24 ta' Marzu 2010 li temenda, għall-81 darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-istat billi tintroduċi kapitolu ġdid dwar il-kriterji għal evalwazzjoni fil-fond tal-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment** ........ 13

**Rettifika**

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)** (ĠU L 277, 21.10.2005, Ħarġa Speċjali bil-Malti ĠU L 286M tal-4 ta' Novembru 2010) ........ 23

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EU BAM Rafah/1/2012 tat-3 ta' Lulju 2012 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)** (ĠU L 186, 14.7.2012) ........ 24

MT

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-10 ta' Lulju 2012**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim ŻEE**

(2012/453/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-servizzi ta' Netwerk [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [3] ("il-Ftehim ŻEE").

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta' dejta ġeografika tal-Istati Membri mill-istituzzjoniiet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 976/2009 fir-rigward ta' servizzi ta' tniżżil u servizzi ta' trasformazzjoni [5] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali [6] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta' Frar 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali [7] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) L-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
[2] ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9.
[3] ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
[4] ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8.
[5] ĠU L 323, 8.12.2010, p. 1.
[6] ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11.
[7] ĠU L 31, 5.2.2011, p. 13.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
V. SHIARLY

*ABBOZZ*

**DEĊIŻJONI Nru …/2012 TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**ta’**

**li temenda l-Anness XX (Ambjent) ta’ mal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa ‘l quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta’…. [1]

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta’ Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-servizzi ta’ Netwerk [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta’ Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta’ dejta ġeografika tal-Istati Membri mill-istituzzjoniet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2010 tat-23 ta’ Novembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 976/2009 fir-rigward ta’ servizzi ta’ tniżżil u servizzi ta’ trasformazzjoni [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta’ Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-interoperabilità ta’ settijiet ta’ dejta u servizzi spazjali [5] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta’ Frar 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta’ settijiet ta’ dejta u servizzi spazjali [6] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XX ta’ mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-adattamenti (a) u (b) tal-punt 1j (id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jinbidlu b’dan li ġej:

“(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-limiti ta’ żmien stabbiliti fl-Artikoli 6(a), 6(b) u 7(3) jinftiehmu li jinkludu perjodu addizzjonali ta’ tliet snin.

(b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-dati msemmija fl-Artikoli 21(2), 21(3) u 24(1) jinftiehmu li jinkludu perjodu addizzjonali ta’ tliet snin.”.

2. L-adattament li ġej għandu jiżdied mal-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE):

“Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni għandhom, għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li jmiss:

(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, is-sena msemmija fl-Artikolu 11(2), it-tieni subparagrafu, tkun l-istess bħas-sena msemmija fl-Artikolu 18, kif adattat għall-Istati tal-EFTA.

(b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-data msemmija fl-Artikolu 18 tinftiehem li tinkludi perjodu addizzjonali ta’ tliet snin.”.

3. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE):

“1jc. **32009 R 0976**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta’ Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-Servizzi ta’ Netwerk (ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9), kif emendat bi:

— **32010 R 1088**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2010 tat-23 ta’ Novembru 2010 (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 1).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinqraw bl-adattament li ġej:

Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-dati msemmija fl-Artikolu 4 jinftiehmu li jinkludu perjodu addizzjonali ta’ tliet snin.

1jd. **32010 R 0268**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta’ Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta’ dejta ġeografika tal-Istati Membri mill-istituzzjoniet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati (ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinqraw bl-adattament li ġej:

[1] ĠU L …
[2] ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9.
[3] ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8.
[4] ĠU L 323, 8.12.2010, p. 1.
[5] ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11.
[6] ĠU L 31, 5.2.2011, p. 13.

Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 8 jinftiehmu li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

1je. **32010 R 1089**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabbiltà tas-settijiet tad-dejta u servizzi ġeografiċi (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11), kif emendat bi:

— **32011 R 0102**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta' Frar 2011 (ĠU L 31, 5.2.2011, p. 13).".

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009, (UE) Nru 268/2010, (UE) Nru 1088/2010, (UE) Nru 1089/2010 u (UE) Nru 102/2011 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil- …, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim isiru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

| *Il-President* | *Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE* |
|---|---|

(*) [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 705/2012

### tal-1 ta’ Awwissu 2012

### li jimplimenta l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 753/2011 tal-1 ta’ Awwissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-1 ta’ Awwissu 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 753/2011.

(2) Fid-19 ta’ Lulju 2012, il-Kumitat stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ħassar żewġ persuni mil-lista ta’ individwi, gruppi, impriżi u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-entrati għall-persuni li jidhru fl-Anness ta’ dan ir-Regolament huma mħassra mil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta’ Awwissu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

([1]) ĠU L 199, 2.8.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Entrati msemmija fl-Artikolu 1**

(1) Tahis (magħruf ukoll bħala Tahib).

(2) Abdul Wasay Mu'tasim Agha (magħruf ukoll bħala (a) Mutasim Aga Jan, (b) Agha Jan, (c) Abdul Wasay Agha Jan Motasem).

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 706/2012

## tal-1 ta’ Awwissu 2012

## li jemenda għall-175 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta’ Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta’ Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta’ Al-Qaida [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta’ fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fl-20 ta’ Lulju 2012, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi persuna fiżika mil-lista ta’ persuni, gruppi u entitajiet tiegħu li għalihom japplikaw l-iffriżar ta’ fondi u riżorsi ekonomiċi wara li ġew ikkunsidrati t-talbiet għat-tħassir minn fuq il-lista sottomessa minn dan l-individwu u r-Rapport Komprensiv tal-Ombudsperson stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1904(2009). Il-Kumitat iddeċieda wkoll li jemenda żewġ entrati fil-lista.

(3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta’ Awwissu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F’isem il-President,*
*Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 18 Volum 01 p. 294).

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata li ġejja taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha titħassar:

"Ali Mohamed El Heit (magħruf ukoll bħala (a) Kamel Mohamed, (b) Ali Di Roma (c) Ali Il Barbuto). Data tat-twelid: (a) 20.3.1970, (b) 30.1.1971. Post tat-twelid: Rouiba, l-Alġerija. Indirizz: 3 Via Ajraghi Milan, l-Italja. Tagħrif ieħor: Isem l-omm hu Hamadche Zoulicha. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 17.3.2004."

(2) L-entrata "Moussa Ben Omar Ben Ali **Essaadi** (magħruf ukoll bħala (a) Dah Dah, (b) Abdelrahmman, (c) Bechir). Indirizz: is-Sudan. Data tat-twelid: 4.12.1964. Post tat-twelid: Tabarka, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Nru tal-passaport: L335915 (passaport Tuneżin maħruġ fit-8.11.1996, skada fis-7.11.2001). Tagħrif ieħor: Meqjus maħrub mill-ġustizzja mill-awtoritajiet Taljani (sa minn Novembru 2009). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 25.6.2003" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tinbidel bi:

"Moussa Ben Omar Ben Ali **Essaadi** (magħruf ukoll bħala (a) Dah Dah, (b) Abdelrahmman, (c) Bechir). Indirizz: it-Tuneżija. Data tat-twelid: 4.12.1964. Post tat-twelid: Tabarka, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Nru tal-passaport: L335915 (passaport Tuneżin maħruġ f'Milan, l-Italja fit-8.11.1996, skada fis-7.11.2001). Tagħrif ieħor: Telaq mis-Sudan għat-Tuneżija fl-2011. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 25.6.2003.'

(3) L-entrata "Ibrahim Awwad Ibrahim **Ali Al-Badri Al-Samarrai** (magħruf ukoll bħala (a) Dr. Ibrahim 'Awwad Ibrahim'Ali al-Badri al-Samarrai', (b) Ibrahim 'Awad Ibrahim al-Badri al-Samarrai, (c) Ibrahim 'Awad Ibrahim al-Samarra'i, (d) Dr. Ibrahim Awwad Ibrahim al-Samarra'i, (e) Abu Du'a, (f) Abu Duaa', (g) Dr. Ibrahim, (h) Abu Bakr al-Baghdadi al-Husayni al-Quraishi, (i) Abu Bakr al-Baghdadi. Titlu: Dr. Indirizz: l-Iraq. Data tat-twelid: 1971. Post tat-twelid: Samarra, l-Iraq. Nazzjonalità: Iraqina. Tagħrif ieħor: (a) Mexxej tal-Al-Qaida fl-Iraq; (b) Bħalissa bbażat fl-Iraq; (c) Responsabbli għall-amministrazzjoni u d-direzzjoni ta' operazzjonijiet tal-AQI fuq skala kbira; (d) Huwa magħruf sew bin-nom de guerre (Abu Du'a, Abu Duaa'). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 5.10.2011" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tinbidel bi:

"Ibrahim Awwad Ibrahim **Ali Al-Badri Al-Samarrai** (magħruf ukoll bħala (a) Dr. Ibrahim 'Awwad Ibrahim 'Ali al-Badri al-Samarrai', (b) Ibrahim 'Awad Ibrahim al-Badri al-Samarrai, (c) Ibrahim 'Awad Ibrahim al-Samarra'i, (d) Dr. Ibrahim Awwad Ibrahim al-Samarra'i, (e) Abu Du'a, (f) Abu Duaa', (g) Dr. Ibrahim, (h) Abu Bakr al-Baghdadi al-Husayni al-Quraishi, (i) Abu Bakr al-Baghdadi. Titlu: Dr. Indirizz: l-Iraq. Data tat-twelid: 1971. Post tat-twelid: (a) Samarra, l-Iraq, (b) l-Iraq. Nazzjonalità: Iraqina. Tagħrif ieħor: (a) Mexxej tal-Al-Qaida fl-Iraq; (b) Bħalissa bbażat fl-Iraq; (d) Huwa magħruf sew bin-nom de guerre (Abu Du'a, Abu Duaa'). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 5.10.2011.'

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 707/2012

## tal-1 ta' Awwissu 2012

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 58,9 |
| | TR | 55,3 |
| | XS | 32,3 |
| | ZZ | 48,8 |
| 0707 00 05 | MK | 53,8 |
| | TR | 100,7 |
| | ZZ | 77,3 |
| 0709 93 10 | TR | 107,5 |
| | ZZ | 107,5 |
| 0805 50 10 | AR | 92,1 |
| | TR | 91,0 |
| | UY | 96,7 |
| | ZA | 101,9 |
| | ZZ | 95,4 |
| 0806 10 10 | EG | 227,2 |
| | IL | 176,8 |
| | IN | 210,3 |
| | MA | 251,0 |
| | MX | 301,8 |
| | TR | 146,5 |
| | ZZ | 218,9 |
| 0808 10 80 | AR | 187,9 |
| | BR | 91,9 |
| | CL | 115,4 |
| | NZ | 129,0 |
| | US | 181,3 |
| | ZA | 114,5 |
| | ZZ | 136,7 |
| 0808 30 90 | AR | 200,3 |
| | CL | 135,9 |
| | ZA | 117,3 |
| | ZZ | 151,2 |
| 0809 29 00 | TR | 397,6 |
| | ZZ | 397,6 |
| 0809 30 | TR | 167,9 |
| | ZZ | 167,9 |
| 0809 40 05 | BA | 62,1 |
| | IL | 60,5 |
| | ZZ | 61,3 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2012/454/PESK

### tal-1 ta’ Awwissu 2012

### li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK tal-1 ta’ Awwissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Fl-1 ta’ Awwissu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK.

(2) Fid-19 ta’ Lulju 2012, il-Kumitat stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ħassar żewġ persuni mil-lista ta’ individwi, gruppi, impriżi u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-entrati għall-persuni li jidhru fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni huma mħassra mil-lista li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta’ Awwissu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

([1]) ĠU L 199, 2.8.2011, p. 57.

*ANNESS*

**ENTRATI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1**

(1) Tahis (magħruf ukoll bħala Tahib).

(2) Abdul Wasay Mu'tasim Agha (magħruf ukoll bħala (a) Mutasim Aga Jan, (b) Agha Jan, (c) Abdul Wasay Agha Jan Motasem).

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA

**Nru 98/10/COL**

**tal-24 ta' Marzu 2010**

**li temenda, għall-81 darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-istat billi tintroduċi kapitolu ġdid dwar il-kriterji għal evalwazzjoni fil-fond tal-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment**

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA [1],

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ewropea Ekonomika [2], u partikolarment l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim tal-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità tas-Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [3], u partikolarment l-Artikolu 24 u l-Artikolu 5(2)(b) tiegħu,

Billi taħt l-Artikolu 24 tal-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha ddaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE dwar l-għajnuna mill-Istat,

Taħt l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha toħroġ avviżi jew linji gwida dwar kwistjonijiet trattati fil-Ftehim taż-ŻEE, jekk dak il-Ftehim jew il-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti jipprevedu hekk espressivament jew jekk l-Awtorità tqis li hu meħtieġ,

Ir-Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam tal-Għajnuna mill-Istat ġew adottati mill-Awtorità fid-19 ta' Jannar 1994 [4],

Fl-24 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropew adottaw Komunikazzjoni dwar il-kriterji għal evalwazzjoni fil-fond tal-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment [5],

Din il-Komunikazzjoni hija wkoll rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea,

L-applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat taż-ŻEE għandha tkun żgurata fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha,

Skont il-punt II taħt it-titolu "ĠENERALI" fl-aħħar tal-Anness XV tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandha tadotta atti li jkunu jikkorrispondu ma' dawk adottati mill-Kummisssjoni Ewropea,

Wara li kkonsultat lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati tal-EFTA b'ittri dwar dan is-suġġett datati t-12 ta' Marzu 2010 (l-Avvenimenti Nri 549988, 549990 u 549991).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għandhom ikunu emendati billi jkun introdott kapitolu ġdid dwar il-kriterji għal evalwazzjoni fil-fond ta' għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment. Il-kapitolu l-ġdid jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

[1] Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Awtorità.
[2] Minn issa 'l quddiem il-Ftehim taż-ŻEE.
[3] Minn issa 'l quddiem il-Ftehim taż-ŻEE.
[4] Il-linjigwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġin mill-Awtorità fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ĠU) L 231, 3.9.1994, p. 1 u fis-Supplimenti taż-ŻEE Nru 32 3.9.1994 p. 1, kif emedat. Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. Il-verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tinsab fuq il-websjat tal-Awtorità: http://www.eftasurv.int/state-aid/legal-framework/state-aid-guidelines/

[5] ĠU C 223, 16.9.2009, p. 3.

*Artikolu 2*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Marzu 2010.

*F'isem l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

| | |
|---|---|
| Per SANDERUD | Kurt JÄGER |
| *Il-President* | *Membru tal-Kulleġġ* |

*ANNESS*

**KRITERJI GĦAL VALUTAZZJONI FIL-FOND TAL-GĦAJNUNA REĠJONALI GĦAL PROĠETTI KBAR TA' INVESTIMENT** (1)

## 1. Introduzzjoni

### 1.1. *Regoli ġenerali għal miżuri ta' għjnuna reġjonali*

(1) Il-Kapitolu dwar għajnuna nazzjonali reġjonali għall-perjodu 2007-2013 fil-Linji gwida tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (minn hawn 'il quddiem "Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali") jikkjarifika l-approċċ ġenerali tal-Awtorità fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat reġjonali (2) Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida dwar Għajnuna Reġjonali, u minkejja l-effetti negattivi li l-għajnuna reġjonali mill-Istat tista' jkollha fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tikkunsidra għajnuna mill-Istat kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE jekk din l-għajnuna tingħata biex jitkabbar l-iżvilupp ekonomiku ta' ċerti reġjuni żvantaġġati fi ħdan iż-żona taż-ŻEE.

(2) B'mod ġenerali, il-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali jikkunsidraw il-gravità relattiva tal-problemi li qegħdin jaffettwaw l-iżvilupp tar-reġjuni kkonċernati billi jdaħħlu limiti massimi speċifiċi għall-għajnuna reġjonali. Dawn l-intensitajiet massimi ta' għajnuna huma proporzjonati bejn l-10 % u l-50 % tal-ispejjeż eliġibbli, ibbażati primarjament fuq il-PGD għall kull persuna tar-reġjuni kkonċernati, iżda wkoll biex l-Istati tal-EFTA jkollhom xi flessibbiltà biex ikunu jistgħu jikkunsidraw il-kundizzjonijiet lokali. Il-mapep ta' għajnuna reġjonali għal kull Stat tal-EFTA huma ppubblikati fuq il-websajt (3). Dawn l-intensitajiet ta' għajnuna ggradwati jirriflettu, essenzjalment, l-eżerċizzju ta' bilanċ li l-Kummissjoni trid twettaq bejn, fuq naħa, l-effett pożittiv li jista' jkollu l-investiment reġjonali, b'mod partikolari fil-promozzjoni tal-koeżjoni billi jiġi attirat l-investiment lejn inħawi żvantaġġjati, u, fuq in-naħa l-oħra li tillimita l-effetti potenzjalment negattivi li jistgħu jitfaċċaw bl-għoti ta' għajnuna bħal din lil impriżi individwali, pereżempju l-impatt negattiv fuq operaturi ekonomiċi oħra u fuq reġjuni li l-vantaġġ kompetittiv relattiv tagħhom jisfa' mnaqqas.

(3) Proġett kbir ta' investiment huwa proġett inizjali bi spiża eliġibbli li tkun 'il fuq minn EUR 50 miljun (4). Proġetti kbar ta' investiment huma affettwati anqas mill-iżvantaġġi speċifiċi li jikkaratterizzaw inħawi żvantaġġati minn proġetti ta' investiment ta' skala iżgħar. Hemm iżjed riskju li l-kummerċ se jiġi affettwat minn dawn il-proġetti u għalhekk ikun hemm riskju ta' effett ta' distorsjoni aktar b'saħħtitha fil-konfront ta' kompetituri f'reġjuni oħra. Fejn jidħlu investimenti kbar hemm ir-riskju li l-ammont ta' għajnuna jaqbeż il-minimu meħtieġ biex jikkumpensa għal żvantaġġi reġjonali u li l-għajnuna mill-Istat għal dawn il-proġetti twassal għal effetti perversi bħal għażliet ineffiċjenti ta' lokalità, distorsjoni akbar tal-kompetizzjoni u, peress li l-għajnuna tirrappreżenta trasferiment għali mingħand dawk li jħallsu t-taxxa favur dawk li jirċievu l-għajnuna, ikun hemm telf nett ta' benefiċċji soċjali, jiġifieri, l-ispiża tal-għajnuna teċċedi l-benefiċċji lill-konsumaturi u produtturi.

(4) Il-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali jipprevedu wkoll regoli speċifiċi għal għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment (5). Il-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali jipprovdu għal tnaqqis awtomatiku u progressiv fl-iskala tal-limiti massimi tal-għajnuna reġjonali għal dawn il-proġetti kbar ta' investiment bil-għan li jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni għal livell li ġeneralment jista' jitqies li huwa kkumpensat mill-benefiċċji tagħhom f'termini tal-iżvilupp tar-reġjuni kkonċernati (6).

(5) Barra minn hekk, l-Istati tal-EFTA għandhom jinnotifikaw fuq bażi individwali kwalunkwe għajnuna għal proġetti ta' investiment jekk l-għajnuna proposta tkun aktar mill-ammont massimu permissibbli li investiment b'nefqa eliġibbli ta' € 100 miljun jista' jirċievi skont ir-regoli applikabbli (limitu tan-notifika) (7). Għal dawn il-każi nnotifikati, il-Kummissjoni tivverifika b'mod partikolari l-intensitajiet tal-għajnuna, il-kompatibbiltà mal-kriterji ġenerali tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali u jekk l-investiment innotifikat jirrappreżentax żieda maġġuri fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni filwaqt li fl-istess ħin tindirizza suq li l-prestazzjoni tiegħu tkun inqas mil-livell standard jew li saħansitra jkun sejjer lura, jew huwiex ta' benefiċċju għal kumpaniji li għandhom sehem fis-suq ogħla.

### 1.2. *Miżuri ta' għajnuna reġjonali soġġetti għal valutazzjoni fil-fond*

(6) Minkejja t-tnaqqis awtomatiku fl-iskala tal-limiti massimi tagħhom, ċerti ammonti mdaqqsa ta' għajnuniet reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment xorta jista' jibqa' jkollhom effetti sinifikanti fuq il-kummerċ, u jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet sostanzjali tal-kompetizzjoni. Għal din ir-raġuni, kienet qabel il-politika tal-Kummissjoni li ma tawtorizzax għajnuna għal proġetti kbar ta' investiment 'il fuq mil-limiti li ġejjin (8):

(1) Dan il-kapitolu jikkorispondi mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward il-kriterji għal valutazzjoni fil-fond tal-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment ĠU C 223, 16.9.2009, p. 3.

(2) Il-Kapitolu dwar l-għajnuna nazzjonali reġjonali għall-2007-2013 jikkorrispondi għal Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji gwida dwar għajnuna reġjonali nazzjonali għall-perjodu 2007-2013 ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.

(3) http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/

(4) Kif definit fil-paragrafu 49 u fin-noti tal-qiegħ 46 u 47 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

(5) Ara Taqsima 4.3 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

(6) Ara l-paragrafu 56 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

(7) Ara Taqsima 53 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

(8) Ara l-punt 26 A.3(4) tal-Kapitolu 26 A tal-qafas Multisettorali tal-Awttorità fuq għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment li jikkorispondu mal-qafas Multisettorali tal-Kummissjoni Ewropea dwar għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment (ĠU C 70, 19.3.2002, p. 8, kif emendat fil-ĠU C 263, 1.11.2003, p. 3).

— il-benefiċjarju tal-għajnuna jkun jirrappreżenta aktar minn 25 % mill-bejgħ tal-prodott(i) kkonċernat(i) fis-suq/swieq ikkonċernat(i), jew

— il-kapaċità tal-produzzjoni maħluqa mill-proġett taqbeż il-5 % tas-suq, filwaqt li r-rata ta' tkabbir tas-suq ikkonċernat tkun aktar baxxa mir-rata ta' tkabbir tal-PGD taż-ŻEE.

(7) Madankollu, skont l-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali attwali, il-Kummissjoni għażlet approċċ aktar individwalizzat, li jippermetti li jiġu kkunsidrati l-benefiċċji ta' koeżjoni u oħrajn li jistgħu jissarrfu minn proġetti bħal dawn, bl-aktar mod konkret possibbli. Kwalunkwe tali benefiċċju għandu, madankollu, jiġi evalwat fid-dawl tal-effetti negattivi li x'aktarx ikun hemm fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni, li għandhom ukoll jiġu identifikati bl-aktar mod konkret possibbli. Għalhekk, paragrafu 57 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali jipprevedi li l-Awtorità twettaq proċedura formali ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 1(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal każijiet li jkunu 'l fuq mil-limitu tan-notifika u li jilħqu waħda jew iż-żewġ kundizzjonijiet tal-paragrafu 57(a) u (b) tar-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali (il-limiti tal-valutazzjoni fil-fond li huma l-istess bħal-limiti deskritti fil-paragrafu 6 ta' dan il-kapitolu). F'dawn il-każi, l-obbjettiv tal-investigazzjoni formali huwa li titwettaq verifika ddettaljata dwar "jekk l-għajnuna hijiex meħtieġa biex tipprovdi effett ta' inċentiv għall-investiment u jekk il-benefiċċji tal-miżura tal-għajnuna jissuperawx id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti" [1].

(8) Fin-nota tal-qiegħ 55 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, l-Awtorità ħabbret l-intenzjoni tagħha li tfassal gwida ulterjuri għall-kriterji li se tkun qed tikkunsidra matul din il-valutazzjoni. Hawn taħt, l-Awtorità tippreżenta gwida għat-tip ta' informazzjoni li jista' jkollha bżonn u l-metodoloġija li tkun trid timxi magħha fir-rigward ta' miżuri soġġetti għal valutazzjoni ddettaljata. B'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Għajnuna mill-Istat [2], l-Awtorità se twettaq evalwazzjoni globali tal-għajnuna bbażata fuq bilanċ tal-effetti pożittivi u negattivi tagħha sabiex jiġi ddeterminat jekk, f'sens ġenerali, il-miżura ta' għajnuna tistax tiġi approvata.

(9) Il-valutazzjoni ddettaljata għandha tkun proporzjonali għad-distorsjonijiet potenzjali li jistgħu jinħolqu mill-għajnuna. Dan ifisser li l-iskop tal-analiżi se jiddependi min-natura tal-każ. Għaldaqstant, in-natura u l-livell tal-evidenza meħtieġa se jiddependu wkoll mill-karatteristiċi ta' kull każ individwali. Barra minn hekk, filwaqt li tirrispetta d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-komportament tal-proċedura formali ta' investigazzjoni kif stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 tal-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti, dwar il-Funzjonalitajiet u setgħat tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, l-Awtorità tista', inter alia, titlob lill-Istat tal-EFTA jipprovdi studji indipendenti biex tiġi kkonfermata l-informazzjoni li jkun fiha n-notifika, jew tfittex kontribut minn operaturi ekonomiċi oħra attivi fis-swieq rilevanti jew mingħand esperti dwar l-iżvilupp reġjonali. Barra minn hekk, jintlaqgħu osservazzjonijiet minn partijiet interessati waqt li jkunu għaddejjin proċeduri formali ta' investigazzjoni individwali. L-Awtorità se tidentifika l-problemi ewlenin li dwarhom tkun qed tfittex kontribut fil-fażi tal-ftuħ tal-proċedura.

(10) Il-kapitolu attwali huwa intiż biex jiżgura t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-proċess għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità, u t-trattament ugwali tal-Istati tal-EFTA. L-Awtorità tirriżerva l-possibbiltà li temenda u teżamina mill-ġdid dawn il-linji gwida fid-dawl tal-esperjenza tal-każ.

## 2. Effetti pożittivi tal-għajnuna

### 2.1. *L-għan tal-għajnuna*

(11) L-għajnuna reġjonali għandha obbjettiv ta' interess komuni li jirrifletti kunsiderazzjonijiet ta' ekwita', jiġifieri li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika billi tgħin biex titnaqqas id-differenza bejn il-livelli ta' żvilupp fid-diversi reġjuni taż-ŻEE. Il-paragrafu 2 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali jistabbilixxi li: "Bl-indirizzar tal-iżvantaġġi tar-reġjuni żvantaġġjati, l-għajnuna reġjonali nazzjonali tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Istati tal-EFTA u taż-ŻEE fit-totalità tagħha". Il-paragrafu 3 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali jistabbilixxi li: "L-għajnuna għall-investiment reġjonali nazzjonali hija intiża sabiex tgħin l-iżvilupp tar-reġjuni l-aktar żvantaġġjati billi jiġi megħjun l-investiment u l-ħolqien tax-xogħol. Hija tippromwovi l-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi li joperaw fir-reġjuni li huma inqas favorevoli, b'mod partikolari billi tħeġġeġ kumpaniji biex jifthu stabbilimenti ġodda f'dawn ir-reġjuni".

(12) Fir-rigward ta' dawk il-proġetti kbar ta' investiment li jissodisfaw il-limiti ta' valutazzjoni fil-fond, l-Istat tal-EFTA se jintalab biex juri li l-għajnuna se tindirizza l-obbjettiv ta' ekwità kkonċernat. Għalhekk, l-Istat tal-EFTA se jkun irid jikkonvalida l-kontribuzzjoni tal-proġett ta' investiment għall-iżvilupp tar-reġjun ikkonċernat.

(13) Filwaqt li l-għan primarju tal-għajnuna reġjonali huwa li tinkoraġġixxi interessi ta' ekwità bħala koeżjoni ekonomika, l-għajnuna reġjonali tista' wkoll tindirizza problemi mqanqla minn falliment tas-suq. L-iżvantaġġi reġjonali jistgħu jkunu marbuta ma' fallimenti tas-swieq bħal informazzjoni mhux preċiża, problemi ta' koordinazzjoni, diffikultajiet għall-benefiċjarju ta' investimenti adegwati f'beni pubbliċi jew esternalitajiet minn investimenti. Meta, barra milli tindirizza għanijiet ta' ekwità, l-għajnuna reġjonali tindirizza wkoll interessi ta' effiċjenza, l-effett pożittiv globali tal-għajnuna jitqies ikbar.

(14) Il-lista ta' kriterji indikattivi li ġejjin, li mhijiex lista eżawrjenti, tista' tintuża biex tintwera l-kontribuzzjoni reġjonali tal-għajnuna mill-aspett li jwassal għall-attrazzjoni ta' investiment u attività addizzjonali fir-reġjun. Dawn l-effetti pożittivi tal-għajnuna jistgħu jkunu kemm diretti (pereżempju, il-ħolqien ta' impjiegi diretti) kif ukoll indiretti (pereżempju, innovazzjoni lokali).

(1) Ara Taqsima 57 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.
(2) Ara l-paragrafi 11 u 20 tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat (COM(2005) 107 finali).

— L-għadd ta' impjiegi diretti maħluqa bis-saħħa tal-investiment huwa indikatur importanti tal-kontribuzzjoni għall-iżvilupp reġjonali. Il-kwalità tal-impjiegi maħluqa u l-livell ta' ħiliet meħtieġa għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.

— Jista' jinħoloq saħansitra għadd akbar ta' impjiegi ġodda fin-netwerk tas-(sub-) fornituri lokali, u dan jgħin biex jiġi integrat aħjar l-investiment fir-reġjun ikkonċernat u biex jiġu żgurati effetti ta' tixrid fuq medda usa'. Għalhekk, l-għadd ta' impjiegi indiretti maħluqa għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.

— Impenn min-naħa tal-benefiċjarju biex iwettaq attivitajiet ta' taħriġ fuq medda wiesgħa biex jittejbu l-ħiliet (ġenerali u speċifiċi) tal-impjegati tiegħu jiġi kkunsidrat bħala fattur li jikkontribwixxi għall-iżvilupp reġjonali. Għandu jiġi enfasizzat ukoll it-taħriġ li jtejjeb l-għarfien u l-impjegabbiltà tal-ħaddiema ta' barra l-impriża. It-taħriġ ġenerali jew speċifiku li għalih tkun ġiet approvata għajnuna għat-taħriġ ma jingħaddx bħala effett pożittiv tal-għajnuna reġjonali sabiex jiġi evitat li jsir għadd doppju.

— Ekonomiji ta' skala esterni jew benefiċċji oħra mill-perspettiva ta' żvilupp reġjonali jistgħu jinħolqu bħala riżultat ta' prossimità (effett ta' raggruppament (clustering effect). Ir-ragruppament tal-impriżi fl-istess industrija jippermetti lil impjanti individwali jispeċjalizzaw aktar u dan iwassal għal żieda fl-effiċjenza. Il-prossimità fiżika tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni, l-ideat u l-għarfien bejn l-impriżi. Il-konċentrazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi tiġbed lil bosta minn dawk li jkunu qed ifittxu x-xogħol u dan jiżgura l-ġbir flimkien fuq skala kbira ta' ħaddiema b'ħiliet differenti li jkunu disponibbli biex jaħdmu ma' dawn l-impriżi. L-aċċess għal servizzi legali u kummerċjali jkun żgurat u dan ikabbar il-produttività. B'mod ġenerali, konċentrazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi tista' terġa' tħajjar investimenti oħra li, min-naħa tagħhom, ikabbru l-effetti pożittivi ta' tixrid (iċ-ċirku virtwuż).

— L-investimenti jinkorporaw għarfien tekniku u jistgħu jkunu s-sors ta' trasferiment ta' teknoloġija sinifikanti (tixrid ta' għarfien). Il-probabbiltà li investimenti li jseħħu f'industriji ta' teknoloġija intensiva jinvolvu trasferiment teknoloġiku lejn ir-reġjun reċipjenti hija ikbar. F'dan ir-rigward, il-livell u s-speċifiċità tat-tixrid tal-għarfien huma importanti wkoll.

— Il-kontribuzzjoni tal-proġetti għall-kapaċità tar-reġjun biex tinħoloq teknoloġija ġdida permezz ta' innovazzjoni lokali tista' wkoll tiġi kkunsidrata. Il-kooperazzjoni bejn il-faċilità ġdida ta' produzzjoni u l-istituzzjonijiet lokali tal-edukazzjoni għolja tista' titqies b'mod pożittiv f'dan ir-rigward.

— It-tul ta' żmien tal-investiment u l-investimenti ġejjiena possibbli ta' segwitu huma indikazzjoni ta' impenn b'saħħtu min-naħa tal-kumpanija fir-reġjun.

(15) L-Istati tal-EFTA huma, b'mod partikolari, mistiedna biex jiddependu fuq l-evalwazzjonijiet ta' skemi ta' Għajnuna mill-Istat li saru fil-passat, il-valutazzjonijiet tal-impatt magħmula mill-awtoritajiet li joħorġu l-għotjiet, l-opinjonijiet tal-esperti u studji possibbli oħra relatati mal-proġett ta' investiment taħt valutazzjoni. Il-pjan ta' negozju tal-benefiċjarju tal-għajnuna jista' jipprovdi informazzjoni dwar għadd ta' impjiegi maħluqa, salarji mħallsa (żieda fil-ġid domestiku bħala effett ta' tixrid), volum ta' bejgħ mill-produtturi lokali, fatturat iġġenerat mill-investiment u li hu ta' benefiċċju għar-reġjun possibbilment permezz ta' dħul fiskali addizzjonali.

(16) Jekk rilevanti, ir-relazzjoni bejn il-proġett ta' investiment ippjanat u l-qafas nazzjonali ta' referenza strateġika, kif ukoll ir-relazzjoni bejn il-programmi operattivi li huma kofinanzjati mill-fondi strutturali, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.

2.2. *Adegwatezza tal-istrument ta' għajnuna*

(17) L-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' sussidji għall-investiment mhijiex l-uniku strument politiku disponibbli għall-Istati tal-EFTA biex isostnu l-investiment u l-ħolqien tal-impjiegi fir-reġjuni żvantaġġjati. Fil-fatt, l-Istati tal-EFTA jistgħu jużaw miżuri ġenerali bħal ma huwa l-iżvilupp tal-infrastruttura għal titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fl-ambjent ġenerali tan-negozju.

(18) Miżuri li għalihom l-Istat tal-EFTA kkunsidra għażliet politiċi oħra, u li għalihom ġew stabbiliti l-vantaġġi li jintuża strument selettiv bħalma hi l-għajnuna mill-Istat, huma kkunsidrati li jikkostitwixxu strument xieraq. L-Awtorità sejra tikkunsidra b'mod partikolari kull valutazzjoni tal-impatt tal-miżura proposta li l-Istat Membru għandu mnejn ikun għamel.

2.3. *Effett ta' Inċentiv*

(19) L-analizzar tal-effett ta' inċentiv tal-miżura tal-għajnuna huwa wieħed mill-aktar elementi importanti fil-valutazzjoni fil-fond tal-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-għajnuna proposta tkunx meħtieġa għall-produzzjoni ta' "effett ta' inċentiv reali biex jiġu eżegwiti investimenti li altrimenti ma kinux iseħħu fiż-żoni megħjuna" ([1]). Din il-valutazzjoni titwettaq fuq żewġ livelli: l-ewwel, fuq livell ġenerali proċedurali, u t-tieni, fuq livell ekonomiku aktar dettaljat.

([1]) Ara Taqsima 30 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

(20) Fil-punt 30, il-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali diġà jinkludu kriterji ġenerali biex jipprovdu valutazzjoni formali tal-effett ta' inċentiv tal-għajnuna reġjonali. Dawn il-kriterji japplikaw għall-għajnuniet reġjonali kollha, mhux biss għall-għajnuna reġjonali għall-proġetti kbar ta' investiment.

(21) Fil-każ ta' għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment koperti minn din in-notifika, il-Kummissjoni għandha tivverifika fid-dettall "jekk l-għajnuna hijiex meħtieġa biex tipprovdi effett ta' inċentiv għall-investiment" [1]. L-għan ta' din il-valutazzjoni ddettaljata hu li jiġi stabbilit jekk l-għajnuna attwalment tikkontribwixxix għal bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju li għandha twassal biex dan jidħol għal impenn ta' investiment addizzjonali fir-reġjun megħjun ikkonċernat. Jeżistu bosta raġunijiet validi biex kumpanija tillokalizza f'ċertu reġjun, ukoll mingħajr ebda għoti ta' għajnuna.

(22) Filwaqt li jiġi kkunsidrat l-għan ta' ekwità derivanti mill-politika ta' koeżjoni u sakemm l-għajnuna tikkontribwixxi għall-ilħuq ta' dan il-għan, prova ta' effett ta' inċentiv tista' tingħata f'żewġ kuntesti possibbli:

(i) L-għajnuna tagħti inċentiv biex tiġi adottata deċiżjoni pożittiva dwar l-investiment għaliex investiment li altrimenti ma setax ikun profittabbli għall-kumpanija fi kwalunkwe lokalità jista' jseħħ fir-reġjun megħjun [2].

(ii) L-għajnuna tagħti inċentiv biex wieħed jagħżel li investiment ippjanat jagħmlu fir-reġjon ġeografiku relevanti minflok x'imkien ieħor għaliex ikun qed jimmupenda għall-iżvantaġġi u l-ispejjeż netti marbuta ma' post fir-reġjun megħjun.

(23) L-Istat tal-EFTA għandu jagħti prova lill-Awtorità li l-għajnuna għandha l-effett li tagħti inċentiv. L-Istat Membru jeħtieġ li jipprovdi xhieda ċara li l-għajnuna għandha impatt reali fuq l-għażla tal-investiment jew l-għażla tal-lokalità. Huwa jrid jispeċifika liema xenarju għandu japplika. Sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni komprensiva, l-Istat tal-EFTA jrid jipprovdi mhux biss informazzjoni dwar il-proġett megħjun iżda wkoll deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju kontrofattwali fejn fih ma jkunx hemm għoti ta' għajnuna mill-Istat tal-EFTA lill-benefiċjarju.

(24) Fl-ewwel xenarju, l-Istat tal-EFTA jista' jagħti prova tal-effett ta' inċentiv tal-għajnuna billi jissottometti dokumenti tal-kumpanija li juru li l-investiment ma kienx ikun profittabbli mingħajr l-għajnuna u li l-ebda lokalità oħra ħlief ir-reġjun megħjun ikkonċernat ma seta' jkun previst.

(25) Fit-tieni xenarju, l-Istat tal-EFTA jista' jagħti prova tal-effett ta' inċentiv tal-għajnuna billi jissottometti dokumenti tal-kumpanija li juru li jkun sar tqabbil bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji fir-rigward tal-allokazzjoni fir-reġjun megħjun ikkonċernat u dawk fir-rigward ta' reġjun alternattiv. Dawn ix-xenarji komparattivi għandhom jitqiesu bħala xenarji realistiċi mill-Awtorità.

(26) L-Istati tal-EFTA huma, b'mod partikolari, mistiedna biex joqogħdu fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju (inkluża l-valutazzjoni ta' riskji marbuta mal-lokalità), ir-rapporti finanzjarji, il-pjanijiet ta' negozju interni, l-opinjonijiet tal-esperti u studji oħra relatati mal-proġett ta' investiment taħt valutazzjoni. Dokumenti li fihom tbassir ta' informazzjoni b'rikjesta, tbassir ta' spejjeż, tbassir finanzjarju, dokumenti li jiġu ppreżentati lill-kumitat għall-investiment u li fihom ikun hemm elaborazzjoni dwar diversi xenarji ta' investiment, jew dokumenti pprovduti lis-swieq finanzjarji, kollha jistgħu jgħinu biex jiġi vverifikat l-effett ta' inċentiv.

(27) F'dan il-kuntest, u b'mod partikolari fl-ewwel xenarju, il-livell ta' profittabbiltà jista' jiġi evalwat b'referenza għal metodoloġiji li huma prattika standard fl-industrija partikolari kkonċernata, u li jistgħu jinkludu: metodi għall-evalwazzjoni tal-valur nett preżenti tal-proġett (NPV), ir-rata interna ta' qligħ (IRR) jew il-qligħ fuq il-kapital utilizzat (ROCE).

(28) Jekk l-għajnuna ma tibdilx l-imġiba tal-benefiċjarju billi tistimula investiment (addizzjonali) fir-reġjun megħjun ikkonċernat, ikun hemm nuqqas ta' effett ta' inċentiv biex jinkiseb l-għan reġjonali. Jekk l-għajnuna ma jkollha l-ebda effett ta' inċentiv biex jinkiseb l-għan reġjonali, għajnuna bħal din tista' titqies bħala flus li ngħataw b'xejn lil kumpanija. Għaldaqstant, f'valutazzjoni fil-fond ta' għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment, l-għajnuna m'għandhiex tiġi approvata f'każi fejn ikun jidher li l-istess investiment ikun jista' jseħħ fir-reġjun ukoll mingħajr għajnuna.

2.4. *Proporzjonalità tal-għajnuna*

(29) Biex l-għajnuna reġjonali tkun proporzjonali, l-ammont u l-intensità tal-għajnuna jridu jkunu limitati għall-minimu meħtieġ biex l-investiment ikun jista' jseħħ fir-reġjun megħjun.

(30) Ġeneralment, il-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali jiżguraw li l-għajnuna reġjonali hija proporzjonali mal-gravità tal-problemi li jaffettwaw lir-reġjuni megħjuna billi japplikaw b'mod ġenerali limiti massimi ta' għajnuna reġjonali u t-tnaqqis awtomatiku u progressiv fl-iskala ta' dawn il-limiti massimi tal-għajnuna reġjonali għall-proġetti kbar ta' investiment (ara paragrafi 1 u 3).

(31) Għall-każi ta' għajnuna reġjonali li jeħtieġu valutazzjoni fil-fond, hi meħtieġa verifika aktar dettaljata ta' dan il-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità li jinsab fil-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

[1] Ara Taqsima 57 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

[2] Investimenti bħal dawn jistgħu joħolqu kundizzjonijiet li jippermettu investimenti ulterjuri li kapaċi jfendu mingħajr għajnuna addizzjonali

(32) Fl-ewwel xenarju, fejn għandha x'taqsam inċentiv għal investiment, l-għajnuna ġeneralment titqies proporzjonali jekk, bis-saħħa tal-għajnuna, id-dħul mill-investiment huwa konformi mar-rata ta' dħul normali applikata mill-kumpanija fi proġetti ta' investiment oħrajn, mal-ispiża tal-kapital tal-kumpanija fuq bażi globali jew mad-dħul li hu ġeneralment osservat fl-industrija kkonċernata.

(33) Fit-tieni xenarju, fejn għandha x'taqsam inċentiv għal investiment, l-għajnuna ġeneralment titqies proporzjonali jekk tkun ugwali għad-differenza bejn l-ispejjeż netti għall-kumpanija benefiċjarja biex tinvesti fir-reġjun megħjun u l-ispejjeż netti biex tinvesti fir-reġjun(i) alternattiv(i). Huwa meħtieġ li dawn l-ispejjeż u benefiċċji jiġu kkunsidrati, inkluż, pereżempju, l-ispejjeż amministrattivi, l-ispejjeż għa-ttrasport, l-ispejjeż għat-taħriġ li ma jkunux koperti minn għajnuna għat-taħriġ kif ukoll id-differenzi fil-pagi.

(34) Bażikament, dawn l-ispejjeż netti li huma meqjusa bħala marbutin mal-iżvantaġġi reġjonali jirriżultaw fi profittabbiltà tal-investiment aktar baxxa. Għal din ir-raġuni, il-kalkoli li jintużaw għall-analiżi tal-effett ta' inċentiv, jistgħu jintużaw ukoll biex jiġi evalwat jekk l-għajnuna hijiex proporzjonali.

(35) L-Istat tal-EFTA jeħtieġ juri l-proporzjonalità abbażi ta' dokumentazzjoni xierqa bħal ma hija dik imsemmija fil-paragrafu 26.

(36) L-intensità tal-għajnuna fl-ebda każ ma għandha tkun ogħla mil-limiti massimi tal-għajnuna reġjonali kkoreġuti mill-mekkaniżmu ta' tnaqqis fl-iskala ta' dawn il-limiti, kif stipulat fil-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali.

## 3. **L-effetti negattivi tal-għajnuna**

(37) Biex twettaq valutazzjoni tal-ishma tas-suq u l-potenzjal tal-eċċess ta' kapaċità produttiva f'suq li strutturalment qiegħed jitlef is-saħħa, huwa meħtieġ li l-Awtorità tiddefinixxi l-prodott rilevanti u s-suq ġeografiku. B'hekk, normalment ([1]), is-swieq rilevanti jkunu ġew definiti minn qabel għall-miżuri ta' għajnuna reġjonali soġġett għal valutazzjoni fil-fond.

(38) Żewġ indikaturi ewlenin ta' effetti negattivi potenzjali li joriġinaw mill-għajnuna huma diġà identifikati fil-paragrafu 57 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, jiġifieri l-ishma għoljin tas-suq u l-potenzjal tal-eċċess ta' kapaċità produttiva f'suq li strutturalment qiegħed jitlef is-saħħa. Dawn l-indikaturi huma marbutin ma' żewġ teoriji dwar ħsara f'kuntest ta' kompetizzjoni li, rispettivament, huma l-ħolqien ta' poter fis-suq u l-ħolqien jew iż-żamma ta' strutturi ineffiċjenti tas-suq. Kejl prima facie ta' dawn iż-żewġ indikaturi jkun diġà sar minn qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni. Sabiex jiġu pprovduti l-elementi kollha għall-eżerċizzju ta' bbilanċjar finali, għandu jsir irfinar tal-valutazzjoni taż-żewġ indikaturi waqt il-valutazzjoni fil-fond. It-tielet indikatur ta' effetti negattivi potenzjali li joriġina mill-għajnuna li għandu jiġi vvalutat fil-fond huwa l-influwenza tal-għajnuna fuq il-kummerċ. Għalkemm dawn it-tliet indikaturi huma meqjusa bħala l-effetti negattivi ewlenin li potenzjalment joriġinaw mill-għajnuna reġjonali għal proġett kbir ta' investiment, l-Awtorità ma għandhiex teskludi li indikaturi oħra ma jistgħux ikunu relevanti wkoll f'każi speċifiċi.

(39) Il-Kummissjoni tenfasizza b'mod partikolari l-effetti negattivi marbutin mal-kunċett ta' poter fis-suq u eċċess ta' kapaċità f'każi fejn l-għajnuna tipprovdi inċentiv għal tibdil fid-deċiżjoni dwar l-investiment, u għalhekk fejn mingħajr l-għajnuna ma kien iseħħ l-ebda investiment (l-ewwel xenarju tal-effett ta' inċentiv).

(40) Jekk, madankollu, l-analiżi kontrofattwali tissuġġerixxi li mingħajr l-għajnuna, l-investiment xorta waħda kien jitwettaq, kien x'kien il-każ, ukoll jekk possibbilment minn lokalità oħra (it-tieni xenarju), u jekk l-għajnuna tkun proporzjonali, l-indikazzjonijiet possibbli ta' deformazzjonijiet bħal ma huma sehem qawwi tas-suq u żieda fil-kapaċità f'suq li l-prestazzjoni tiegħu hija inqas mil-livell standard, għandhom, fil-prinċipju, ikunu l-istess, irrispettivament mill-għajnuna.

### 3.1. *Effett ta' soppressjoni fuq l-investiment privat*

#### 3.1.1. P o t e r f i s - s u q

(41) Waqt li tkun qed tistabbilixxi l-ogħla livell ta' investiment tagħha, fi swieq b'numru limitat ta' atturi fis-suq (sitwazzjoni tipika għal proġetti kbar ta' investiment) kull impriża għandha tqis l-investiment magħmul mill-kompetituri tagħha. Jekk l-għajnuna twassal għal investiment akbar minn kumpanija partikolari, ir-reazzjoni tal-kompetituri tista' tkun li dawn inaqqsu l-infiq tagħhom stess f'dak il-qasam. F'dan il-każ, l-għajnuna tkun wasslet għal effett ta' soppressjoni fuq l-investiment privat. Jekk, bħala riżultat ta' dan, dawn il-kompetituri jiddgħajfu jew saħansitra jkollhom jirtiraw, l-għajnuna tkun ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, kif diskuss fil-paragrafu 38, il-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali jiddistingwu bejn każijiet fejn il-benefiċjarju tal-għajnuna għandu poter fis-suq u każijiet fejn l-għajnuna twassal għal espansjoni kbira ta' kapaċità f'suq li jkun sejjer għan-niżla.

(42) B'mod ġenerali, kwalunkwe għajnuna lil benefiċjarju wieħed f'suq ikkonċentrat x'aktarx li aktar tkun ta' tfixkil għall-kompetizzjoni minħabba li d-deċiżjoni ta' kull impriża x'aktarx li taffettwa lill-kompetituri tagħha b'mod aktar dirett. Dan huwa partikolarment il-każ fejn parteċipant dominanti fis-suq ikun issussidjat. Bħala riżlutat, jekk, minħabba l-għajnuna, il-benefiċjarju jista' jżomm jew iżid il-poter tiegħu fis-suq ([2]), l-għajnuna reġjonali għal

---

([1]) Meta d-dubji dwar id-definizzjoni xierqa tas-swieq rilevanti jippersistu, il-Kummissjoni tidentifika dawn id-dubji fid-deċiżjoni biex titnieda l-proċedura formali ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 1(2) tal-Parti I tal-Protokoll 3.

([2]) Il-poter fis-suq hu l-poter meħtieġ biex jiġu influwenzati l-prezzijiet tas-suq, il-prodott finali, il-varjetà u l-kwalità tal-oġġetti u s-servizzi, jew parametri oħra ta' kompetizzjoni fis-suq għal perjodu ta' żmien sinifikanti.

proġetti kbar ta' investiment jista' jkollha effetti skoraġġanti fuq id-deċiżjonijiet ta' investiment tal-kompetituri u b'hekk jitfaċċaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Dan ikun ta' detriment għall-konsumaturi. Għalhekk, l-Awtorità trid tillimita għajnuna mill-Istat lil kumpaniji li għandhom poter fis-suq.

(43) Għall-każi kollha ta' għajnuna reġjonali li jistimulaw il-limitu tan-notifika (il-paragrafu 53 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali), l-Awtorità jeħtiġilha tivvaluta (il-paragrafu 57 (a) tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali) is-sehem li l-benefiċjarju tal-għajnuna (jew il-grupp li għalih jappartjeni) jkollu mill-bejgħ tal-prodott kkonċernat fis-suq/swieq relevanti ġeografiku/ġeografiċi u tal-prodott. Madankollu, l-ishma tas-suq jistgħu jagħtu biss indikazzjoni preliminari tal-problemi possibbli. Għalhekk, f'valutazzjoni fil-fond, l-Awtorità għandha tikkunsidra wkoll fatturi oħra, meta dan ikun relevanti, li jinkludu per eżempju, l-istruttura tas-suq billi tħares lejn il-konċentrazzjoni fis-suq ([1]), l-ostakli possibbli għad-dħul ([2]), il-poter tax-xerrej ([3]) u l-ostakli għall-ħruġ.

(44) L-Awtorità għandha tikkunsidra l-ishma tas-suq u fatturi oħrajn relatati qabel u wara l-investiment (normalment sena qabel ma jibda l-investiment u sena wara li tkun inkisbet il-milja tal-produzzjoni). Meta tivvaluta l-effetti negattivi fid-dettall, l-Awtorità għandha tqis li, filwaqt li wħud mill-proġetti ta' investiment jitwettqu skont kriterju ta' skala ta' żmien relattivament qasir ta' sena jew sentejn, il-parti l-kbira tal-proġetti kbar ta' investiment għandhom medda ta' żmien ferm itwal. Għaldaqstant, fil-parti l-kbira tal-każi, tkun meħtieġa analiżi tal-evoluzzjoni tas-swieq fuq medda twila ta' żmien. Madankollu, l-Awtorità għandha tirrikonoxxi l-fatt li din l-analiżi għat-tul hija aktar spekulattiva, partikolarment fil-każ ta' swieq instabbli jew swieq li jkunu għaddejjin minn tibdil teknoloġiku mgħaġġel. Għalhekk, aktar ma l-analiżi tkun għat-tul u allura aktar ma tkun spekulattiva, inqas ikun il-piż marbut mal-effett negattiv possibbli tal-poter fis-suq jew il-possibbiltà ta' mġiba ta' esklużjoni.

### 3.1.2. Ħolqien jew żamma ta' strutturi tas-suq ineffiċjenti

(45) Huwa sinjal ta' kompetizzjoni effikaċi jekk impriżi ineffiċjenti jkunu mġiegħla joħorġu mis-suq. Fuq medda twila ta' żmien, dan il-proċess iħeġġeġ il-progress tekniku u użu effiċjenti tar-riżorsi skarsi fl-ekonomija. Madankollu, espansjoni sostanzjali ta' kapaċità kkawżata minn għajnuna mill-Istat f'suq li l-prestazzjoni tiegħu tkun inqas mil-livell standard tista' tfixkel il-kompetizzjoni b'mod esaġerat minħabba li l-kapaċità eċċessiva tista' twassal għal tnaqqis fil-marġni ta' profitt u fil-kapaċità tal-kompetituri kif ukoll għall-ħruġ tagħhom mis-suq. Dan jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn kompetituri li altrimenti setgħu żammew posthom fis-suq, ikunu mbuttati 'l barra minnu b'konsegwenza tal-għajnuna mill-Istat. Dan jista' wkoll jimpedixxi lil impriżi bi spejjeż baxxi milli jidħlu fis-suq u jista' jdgħajjef l-inċentivi min-naħa tal-kompetituri biex joħolqu l-innovazzjoni. Dan kollu jwassal għal strutturi tas-suq ineffiċjenti li, fl-aħħar mill-aħħar, huma wkoll ta' ħsara għall-konsumaturi.

(46) Biex tevalwa jekk l-għajnuna tistax isservi biex jinħolqu jew jinżammu strutturi ineffiċjenti tas-suq, kif imsemmi aktar 'il fuq, l-Awtorità għandha tikkunsidra l-kapaċità addizzjonali fil-produzzjoni maħluqa mill-proġett u jekk il-prestazzjoni tas-suq tkunx inqas mil-livell standard ([4]). Skont il-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, il-kapaċità addizzjonali titqies biss problematika jekk tinħoloq f'suq li l-prestazzjoni tiegħu tkun inqas mil-livell standard u jekk il-kapaċità addizzjonali tkun aktar minn ħamsa fil-mija tas-suq ikkonċernat.

(47) Minħabba li kapaċità maħluqa f'suq li qiegħed jitlef is-saħħa b'mod assolut tista' normalment tipproduċi effetti akbar ta' tfixkil milli tipproduċi kapaċità maħluqa f'suq għan-niżla b'mod relattiv, l-Awtorità għandha tagħżel bejn il-każi li għalihom, minn perspettiva fit-tul, is-suq relevanti sejjer għan-niżla b'mod strutturat (jiġifieri fejn juri rata ta' tkabbir fin-negattiv) u każi fejn is-suq sejjer għan-niżla b'mod relattiv (jiġifieri juri rata ta' tkabbir fil-pożittiv iżda mingħajr ma jinqabeż il-parametru ta' referenza tar-rata ta' tkabbir (ara paragrafu 48)). Meta l-kapaċità maħluqa mill-proġett isseħħ f'suq strutturalment qiegħed jitlef is-saħħa b'mod assolut, l-Awtorità tikkunsidraha bħala element negattiv fl-eżami għall-ibbilanċjar li x'aktarx ma jkunx possibbli li jinstablu kumpens permezz ta' elementi pożittivi. F'każ bħal dan, il-benefiċċju għat-tul għar-reġjun ikkonċernat huwa wkoll aktar dubjuż.

(48) Prestazzjoni ta' suq inqas mil-livell standard tiegħu normalment jitkejjel bi tqabbil mal-PGD taż-ŻEE matul l-aħħar ħames snin qabel il-bidu tal-proġett (rata ta' referenza). Id-dejta dwar il-prestazzjoni tal-imgħoddi hija disponibbli aktar faċilment u hija inqas spekulattiva minn previżjonijiet għall-ġejjieni. Madankollu, waqt il-valutazzjojni fil-fond, l-Awtorità tista' tikkunsidra wkoll ix-xejriet li huma mistennija għall-ġejjieni billi ż-żieda fil-kapaċità tisforza l-effett tagħha fis-snin ta' wara li jkun sar l-investiment. L-indikaturi jistgħu jkunu t-tkabbir futur prevedibbli tas-suq ikkonċernat u r-rati tal-użu tal-kapaċità mistennija li jirriżultaw, kif ukoll l-impatt li x'aktarx ikollha ż-żieda fil-kapaċità fuq il-kompetituri permezz tal-effetti tagħha fuq il-prezzijiet u l-marġni tal-profitti.

---

([1]) Għal dan il-fini, l-Awtorità tista' tikkunsidra l-indiċi Herfindahl-Hirschman (HHI). Dan l-indiċi jipprovdi analiżi bażika tal-istruttura tas-suq. F'suq li fih ikun hemm ftit parteċipanti fejn għadd minnhom ikollhom sehem fis-suq relattivament kbir, sehem fis-suq kbir min-naħa tal-benefiċjarju jista' jkun inqas ta' tħassib għall-kompetizzjoni.

([2]) Dawn l-ostakli għad-dħul jinkludu ostakli legali (b'mod partikolari d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali), ekonomiji ta' skala u portata, ostakli għall-aċċess għan-netwerks u infrastruttura. Meta l-għajnuna tikkonċerna suq fejn il-beneficjarju tal-għajnuna jkun diġà stabbilit, l-ostakli possibbli għadd-ħul jistgħu jintensifikaw il-poter potenzjali fis-suq f'idejn il-benefiċjarju tal-għajnuna bir-riżultat li jiġu intensifikati wkoll l-effetti negattivi possibbli ta' dak il-poter fis-suq.

([3]) Fejn hemm xerrajja f'saħħithom fis-suq, huwa anqas probabbli li benefiċjarju tal-għajnuna jista' jżid il-prezzijiet vis-à-vis dawn ix-xerrejja f'saħħithom.

([4]) F'dan il-kuntest, suq jitqies li l-prestazzjoni tiegħu tkun inqas mil-livell standard jekk ir-rata medja annwali ta' tkabbir tiegħu matul il-perjodu ta' referenza ma taqbiżx ir-rata ta' tkabbir tal-PGD taż-ŻEE.

(49) L-esperjenza turi wkoll li f'uħud mill-każi, il-konsiderazzjoni tat-tkabbir tal-prodott ikkonċernat fl-ambitu taż-ŻEE tista' ma tkunx il-parametru ta' referenza xieraq biex jiġu vvalutati l-effetti tal-għajnuna, partikolarment jekk is-suq ikun ikkunsidrat bħala wieħed mifrux mad-dinja kollha u jekk ikun hemm biss produzzjoni jew konsum limitati tal-prodotti kkonċernati fi ħdan iż-ŻEE. F'dawn il-każi, l-Awtorità għandha tħares lejn l-effett tal-għajnuna fuq l-istrutturi tas-suq minn perspettiva usa', fejn jitqies b'mod partikolari l-potenzjal tiegħu biex joħnoq il-produtturi taż-ŻEE.

3.2. *Effetti negattivi fuq il-kummerċ*

(50) Kif imfisser fil-paragrafu 2 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali, l-ispeċifiċità ġeografika tal-għajnuna reġjonali tagħżilha minn suriet oħra ta' għajnuna orizzontali. Hija karatteristika partikolari ta' għajnuna reġjonali li hi maħsuba biex tinfluwenza l-għażla li ssir mill-investituri dwar fejn se jallokaw il-proġetti tal-investiment. Fejn l-għajnuna reġjonali qed tpatti għall-ispejjeż addizzjonali li joħorġu minn żvantaġġi reġjonali u tappoġġja investiment addizzjonali f'żoni megħjuna, qiegħda tikkontribwixxi mhux biss għall-iżvilupp tar-reġjun, imma wkoll għall-koeżjoni u fl-aħħar mill-aħħar hija ta' benefiċċju għaż-ŻEE kollha kemm hi ([1]). Fir-rigward tal-effetti potenzjalment negattivi ta' lokazzjoni marbuta mal-għajnuna reġjonali, dawn huma diġà rikonoxxuti u ristretti sa ċertu punt mil-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali u l-mapep ta' għajnuna reġjonali, li jiddefinixxu kompletament l-inħawi eliġibbli li jingħataw għajnuna reġjonali, bil-kunsiderazzjoni tal-objettivi ta' politika ta' ekwità u koeżjoni, u l-intensitajiet tal-għajnuna eliġibbli. L-għajnuna tista' ma tingħatax biex tħajjar investimenti barra minn dawn iż-żoni. Meta tkun qed teżamina proġetti kbar ta' investiment suġġetti għal din il-gwida, l-Awtorità għandu jkollha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis jekk l-għajnuna mill-Istati hijiex se twassal għal telf sostanzjali ta' impjiegi f'postijiet eżistenti fi ħdan iż-ŻEE.

(51) B'mod aktar konkret, fejn investimenti li qed iżidu l-kapaċità tal-produzzjoni f'xi suq ikunu saru possibbli grazzi għall-għajnuna mill-Istat, hemm ir-riskju li dik il-produzzjoni jew l-investiment f'reġjuni oħra taż-ŻEE tista' tiġi affettwata ħażin. Dan x'aktarx li jseħħ jekk iż-żieda fil-kapaċità taqbeż it-tkabbir tas-suq, kif ġeneralment jiġri fi proġetti kbar ta' investiment li jilħqu t-tieni kriterju tal-paragrafu 57 tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali. L-effetti negattivi fuq il-kummerċ, li jikkorrispondu fuq l-attività ekonomika mitlufa fir-reġjuni affettwati mill-għajnuna jistgħu jinħassu permezz ta' impjiegi mitlufa fis-suq ikkonċernat, fil-livell ta' sottokuntratturi ([2]) u bħala riżultat ta' esternalitajiet pożittivi li jintilfu (eż. Effett ta' ragruppament, tixrid ta' għarfien, edukazzjoni u taħriġ, eċċ.).

4. **Ibbilanċjar tal-effetti tal-għajnuna**

(52) Wara li tkun stabbilixxiet li l-għajnuna hija meħtieġa biex tkun ta' inċentiv għat-twettiq ta' investiment fir-reġjun ikkonċernat, l-Awtorità għandha tibbilanċja l-effetti pożittivi tal-għajnuna għall-investiment reġjonali lil proġett kbir ta' investiment bl-effetti negattivi tagħha. Għandhom jiġu kkunsidrati bir-reqqa l-effetti globali tal-għajnuna fuq il-koeżjoni fi ħdan iż-ŻEE. L-Awtorità ma għandhiex tapplika l-kriterji stabbiliti f'din il-komunikazzjoni b'mod mekkaniku iżda għandha twettaq valutazzjoni globali tal-importanza relattiva ta' dawn il-kriterji. F'dan l-eżerċizzju ta' bilanċ, l-ebda element uniku ma huwa determinanti, u ebda sett ta' elementi ma jista' jitqies bħala biżżejjed biex waħdu jiżgura kompatibbiltà.

(53) B'mod partikolari, l-Awtorità jidhrilha li, li tħajjar investiment lejn reġjun ifqar (kif iddefinit mil-limitu aktar għoli ta' għajnuna reġjonali) huwa ta' benefiċċju akbar għall-koeżjoni fi ħdan iż-ŻEE milli kieku l-istess investiment kien lokalizzat f'reġjun aktar ivvantaġġjat. Għaldaqstant, fil-kuntest tat-tieni xenarju li fih trid tinġieb prova ta' lokalità alternattiva, valutazzjoni dwar jekk mingħajr għajnuna l-investiment kienx ikun lokalizzat f'reġjun ifqar (aktar żvantaġġi reġjonali intensità massima ogħla ta' għajnuna reġjonali) jew f'reġjun li jkun meqjus li għandu l-istess żvantaġġi reġjonali bħal tar-reġjun fil-mira (l-istess intensità massima ta' għajnuna reġjonali) tikkostitwixxi element negattiv fl-eżami tal-ibbilanċjar globali li x'aktarx ma jkunx possibbli li jinstablu kumpens b'elementi pożittivi minħabba li huwa kontradittorju għal-loġika inerenti tal-għajnuna reġjonali. Min-naħa l-oħra, l-effetti pożittivi tal-għajnuna reġjonali li tikkumpensa biss għad-differenza tal-ispejjeż netti relattivi għal post alternattiv ta' investiment aktar żviluppat (u b'hekk tissodisfa t-test ta' proporzjonalità t'hawn fuq, u kif ukoll ir-rekwiżiti tal-"effett pożittiv" fir-rigward tal-objettiv, ta' kemm hu xieraq u tal-effett ta' inċentiv), ikun normalment ikkunsidrat, skont it-test ta' bilanċ, bħala li jissupera l-effetti negattivi fil-post alternattiv għall-investiment il-ġdid.

(54) Madankollu, fejn hemm evidenza kredibblili l-għajnuna mill-Istat se twassal għal telf sostanzjali ta' impjiegi f'postijiet eżistenti fi ħdan it-territorju kopert mill-Ftehim taż-ŻEE, li kieku x'aktarx kienu jibqgħu hemm fuq medda medja ta' żmien, l-effetti soċjali u ekonomiċi fuq dak il-post eżistenti jkunu jridu jiġu kkunsidrati fl-eżerċizzju ta' bilanċ.

(55) Wara li tkun twettqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali stabbilita fl-Artikolu 6 tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim ta' Sorveljanza u tal-Qorti, l-Awtorità tista' tagħlaq il-proċedura b'deċiżjoni skont l-Artikolu 7 ta' dak il-Protokoll.

([1]) B'mod partikolari, attività addizzjonali jew standard tal-livell tal-għajxien miżjud fir-reġjun megħjun jista' jżid id-domanda għal prodotti u servizzi li joriġinaw minn partijiet oħra taż-ŻEE.
([2]) Speċjalment jekk joperaw fi swieq lokali fir-reġjun

(56) L-Awtorità tista' tiddeċiedi jew li tapprova, tikkundizzjona jew tipprojbixxi l-għajnuna [1]. Jekk tadotta deċiżjoni kundizzjonali skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, hija tista' tehmeż kundizzjonijiet biex tillimita d-distorsjoni potenzjali għall-kompetizzjoni u biex tiżgura l-proporzjonalità. B'mod partikolari, l-Awtorità tista' tnaqqas l-ammont innotifikat ta' għajnuna jew tal-intensità tal-għajnuna għal livell li jitqies proporzjonali u għalhekk kompatibbli mas-suq komuni.

---

(1) Meta għajnuna tingħata fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna reġjonali eżistenti, għandu madankollu jiġi nnutat li l-Istat tal-EFTA jibqagħlu l-possibbiltà li jagħti din l-għajnuna sal-livell li jikkorrispondi mal-ammont massimu permissibbli li investiment b'nefqa eliġibbli ta' EUR 100 miljun jista' jirċievi skont ir-regoli applikabbli.

## RETTIFIKA

**Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 277 tal-21 ta' Ottubru 2005, Ħarġa Speċjali bil-Malti ĠU L 286M tal-4 ta' Novembru 2010)*

F'paġna 26, premessa (2):

*minflok:* "(2) Skont it-Trattat, fit-tfassil tal-Politika Agrikola Komuni u l-miżuri speċjali għall-applikazzjoni tagħha, għandu jittieħed kont tan-natura partikolari tal-attività agrikola li tirriżulta mill-istruttura soċjali tal-agrikoltura u mid- differenzi strutturali u naturali bejn id-diversi żoni rurali.";

*aqra:* "(2) Skont it-Trattat, fit-tfassil tal-Politika Agrikola Komuni u l-miżuri speċjali għall-applikazzjoni tagħha, għandu jittieħed kont tan-natura partikolari tal-attività agrikola li tirriżulta mill-istruttura soċjali tal-agrikoltura u mid-differenzi strutturali u naturali bejn id-diversi reġjuni agrikoli.".

**Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EU BAM Rafah/1/2012 tat-3 ta' Lulju 2012 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 186 tal-14 ta' Lulju 2012)*

Fil-kontenut fuq il-qoxra u f'paġna 30, in-numru tad-Deċiżjoni:

*minflok:* "(2012/382/UE)";

*aqra:* "(2012/382/PESK)".

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT